ĦAŻ-ŻABBAR
Citta` Hompesch

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter**

**IT-TIENI LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 88**

**L-Erbgħa 28 ta' Diċembru, 2016**

Il-Kumitat Amministrattiv St Peter iltaqa' fl-Uffiċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq iċ-Ċawsli, Ħaż-Żabbar, fis-6.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Mario Bartolo - *Chairperson*
Norman Clews - Membru
Joseph Agius - Membru

**Skużati jew ASSENTI b'APOLOĠIJI**

Luciano Farrugia - Viċi-*Chairperson*
Nicholas Azzopardi - Membru

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Duncan Busuttil – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Iċ-*Chairperson*, is-Sur Mario Bartolo, ippresieda l-laqgħa.

**88.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta u qara l-ittra ta' apoloġija tas-Sur Luciano Farrugia u tas-Sur Nicholas Azzopardi. Fuq proposta tas-Sur Bartolo li ġiet issekondata mis-Sur Agius, il-membri preżenti unanimament aċċettaw l-apoloġiji.

**88.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

88.2.1 Il-minuti tas-87 laqgħa ġew unanimament approvati fuq proposta tas-Sur Agius li ġiet issekondata mis-Sur Clews.

88.3 **Komunikazzjoni miċ-*Chairperson***

88.3.1 Iċ-*Chairperson* awgura s-sena t-tajba lill-membri kollha tal-Kumitat u lill-familji tagħhom.

88.3.2 Iċ-*Chairperson* informa lill-Kumitat illi s-Sur Luciano Farrugia naqas milli jattendi għal aktar minn terz tal-laqgħat li saru fl-aħħar sitt xhur bejn id-9 ta' Ġunju u t-23 ta' Novembru 2016, għaldaqstant il-Kumitat irid jiddeċiedi jekk l-assenza tiegħu kinitx dovuta għal raġuni ġustifikata. Fuq proposta taċ-*Chairperson* li ġiet issekondata mis-sur Agius, il-Kumitat qabel unanimament li jitlob sabiex il-post tas-Sur Farrugia ma jiġix dikjarat vakanti u dan peress illi l-assenza tas-Sur Farrugia kienet ġustifikata. Il-Kumitat saħaq fuq l-importanza li jkun hemm *quorum* fil-laqgħat tal-Kumitat biex b'hekk ikun hemm *smooth running* fl-operat tal-Kumitat Amministrattiv.

88.3.3 Iċ-*Chairperson* ppropona li l-Kumitat Amministrattiv jorganizza kompetizzjoni tal-*billiard* (*American Pool*) bejn l-għaqdiet tal-lokalità. Is-Sur Agius issekonda l-proposta u l-Kumitat qabel unanimament li tiġi organizzata din il-kompetizzjoni. Kull għaqda ser tintalab tinnomina koordinatur biex magħha jsiru l-preparamenti neċessarji.

88.3.4 Iċ-*Chairperson* u s-Sur Joseph Agius qalu li t-*tournament* tal-boċċi li sar bħala parti mill-kampanja l-Istrina kien suċċess.

88.3.5 Dwar it-titqiba kontra l-influwenza, iċ-*Chairperson* semma l-possibilità li s-sena d-dieħla ikun hemm ġranet li matulhom tingħata t-titqiba ta' kontra l-influwenza minn post fiż-żona ta' Sant' Andrija għar-residenti ta' St Peter.

88.4 **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Membri**

88.4.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-membri.

88.5 **Abbozz tal-Estimi Annwali 2017**

88.5.1 Fuq proposta tas-Sur Clews li ġiet issekondata miċ-*Chairperson*, ġie approvat unanimament l-abbozz tal-Estimi Annwali għas-sena finanzjarja Jannar – Diċembru 2017. Sad-data ta' din il-laqgħa l-allokazzjoni finanzjarja tal-Kumitat Amministrattiv kienet għada mhux magħrufa.

88.5.2 Fuq proposta taċ-*Chairperson* li ġiet issekondata mis-Sur Agius, il-Kumitat qabel unanimament illi l-Laqgħa Annwali Pubblika 2017 tinżamm nhar it-Tlieta 10 ta' Jannar 2017 fis-6.00 ta' filgħaxija.

88.6 **Mozzjonijiet**

88.6.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

88.7 **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

88.7.1 Il-laqgħa spiċċat fis-7.15 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 26 ta' Jannar 2017.

**IFFIRMATA**

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fid-89 laqgħa li saret nhar il-Ħamis 26 ta' Jannar, 2017.

**IFFIRMATA**

Mario Bartolo
*Chairperson*